MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 01/2019 - 8

It-Tnejn 1 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini - Kunsilliera
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

## Minuti

Il-Kunsillier anzjan is-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.
Huwa rringrazzja lill-membri tas-seba' Kunsill tal-lokalita' taż-Żebbuġ u lill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn tax-xogħol li wettqu għall-ġid tal-lokalita', filwaqt li feraħ lill-membri eletti tal-Kunsill il-ġdid speċjalment lil Dott. Marlene Cini u lis-Sur Baskal Saliba li ġew eletti għall-ewwel darba.

### 01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

01.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 01.2 Il-Ħatra tas-Sindku

01.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li dwar l-istess materja ġiet ippreżentata mozzjoni bin-numru 02/2019 mis-Sinjura Sandra Grech u ssekondata minn Dott. Marlene Cini. Din il-mozzjoni tinnomina lis-Sur Nicky Saliba għal din il-kariga.

01.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina talab biex issir emenda għal din il-mozzjoni u jinnomina lil Dott. Marlene Cini għall-kariga ta' Sindku. Din l-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba. Is-Sur Daniel Cordina qal li qed issir din l-emenda biex jiġi rrispettat il-vot tal-poplu.

01.2.3 Il-mozzjoni oriġinali għaddiet bi tlett voti favur minn Dott. Marlene Cini, mis-Sinjura Sandra Grech u mis-Sur Nicky Saliba filwaqt li s-Sur Daniel Cordina u s-Sur Baskal Saliba astjenew minn dan il-vot.

01.2.4 L-emenda għall-mozzjoni m'għaddietx b' żewġ voti favur u tlieta kontra.

01.2.5 Is-Sur Daniel Cordina qal li għalkemm ressaq l-emenda minħabba direttivi li kellhom, jirrispetta l-vot favur is-Sindku u l-Viċi Sindku.

01.2.6 Is-Sur Nicky Saliba ġie ddikjarat bħala Sindku tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u hu ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Nicky Saliba rringrazzja lil Dott Marlene Cini u lis-Sinjura Sandra Grech tal-appoġġ għal dan il-vot u awgura sabiex kulħadd jiġbed ħabel wieħed favur il-lokalita'.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

## 01.3 Il-Ħatra ta' Viċi-Sindku

01.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li dwar l-istess materja ġiet ippreżentata mozzjoni bin-numbru 03/2019 mis-Sur Nicky Saliba u ssekondata mis-Sinjura Sandra Grech. Din il-mozzjoni tinnomina lil Dott. Marlene Cini għal din il-kariga.

01.3.2 Il-mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur minn Dott. Marlene Cini, mis-Sinjura Sandra Grech u mis-Sur Nicky Saliba filwaqt li s-Sur Daniel Cordina u s-Sur Baskal Saliba astjenew minn dan il-vot.

01.3.3 Dott. Marlene Cini ġiet iddikjarata bħala Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u hi ffirmat l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga.

## 01.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat- Tnejn 8 ta' Lulju 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 8 ta' Lulju 2019.

*Iffirmata*
Nicky Saliba
Sindku

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX